**F’dan il-*clip* se nispjegaw xi wħud mill-proposti li aħna ppreżentajna matul il-kungress ‘Futur Li Jgħaqqadna’ wara stedina mingħand il-mexxej tal-Partit Laburista Dr.Joseph Muscat biex inressqu l-ideat taghna.**

**Bdejna l-intervent tagħna billi spjegajna kemm hu importanti li jkollok gvern li jisma’. Spjegajna wkoll li trid tkun ‘umli’ biex tisma’.**

**Għidna li bħala moviment, aħna favur mudell ta’ gvern li jaħdem fl-interess tal-ġid komuni u l-interess nazzjonali minflok dak ta’ ftit kuntatti privati.**

**Spjegajna li aħna favur gvernijiet li jipprovdu pjan nazzjonali fit-tul u mhux biss bil-perspettiva li jirbħu l-elezzjoni li jmiss. Gvernijiet li jħossu l-polz tal-poplu matul ħames snin ta’ leġiżlatura - mill-ewwel ġurnata fil-gvern u mhux biss qabel xi elezzjoni.**

**Linja gwida li ipproponejna hi li gvern ġdid jaddotta l-attitudni li jibni fuq it-tajjeb li diġa' nbeda mill-gvernijiet preċendenti.**

**Spjegajna li jekk hemm xi ħaġa li tolqotna fil-mexxej il-ġdid tal-PL huwa l-fatt li Dr.Muscat huwa mexxej politiku kapaċi jirrikonoxxi l-ġid li għamel il-gvern attwali avolja huwa l-mexxej tal-oppożizzjoni. Kif jgħidu l-Ingliżi – *he is capable of giving credit where it is due.***

**Ikkonkludejna l-intervent bill spjegajna li aħna nemmnu f'dan il-moviment u għandna t-tama li jirnexxilu jipprovdi l-ossiġnu politiku li għandu bżonn pajjiżna - fl-interess nazzjonali u f’gieħ id-demokrazija.**

**Jekk inti wkoll lest li taħdem biex ikompli jseħħ iktar progress f’pajjiżna permezz ta’ dan l-istil ta’ ħsieb, żomm kuntatt magħna permezz tas-sit elettroniku www.progress.org.mt, l-indirizz elettroniku contact@progress.org.mt jew in-numru ċellulari 999 777 78.**